**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 553/21GG**

**Kearney Attard (K.I. 0299893M)**

**vs**

**Jamie Pace (K.I. 395503L)**

Illum 26 ta' Settembru 2023.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors ta' Jamie Pace**[1], ippreżentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-4 ta' Gunju 2021, li permezz tieghu ppremetta :

[1] Fol. 1 sa 3

1. Illi dan huwa rikors sabiex l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li saret nhar it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet Kearney Attard (K.I. 0299893M) vs Jamie Pace (K.I. 395503L) tiġi rexissa u tiġi dikjarata nulla ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja annessa u mmarkata bħala **Dok JP1;**

2. Illi l-esponenti kien rċieva l-ittra hawn fuq imsemmija u ma daħħalx nota kif jeżiġi l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12;

3. Illi sussegwentement ġie ntavolat il-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv bin-numru 744/2021 fl-ismijiet Kearney Attard (K.I. 0299893M) vs Jamie Pace (K.I. 395503L), kopja annessa u mmarkata bħala **Dok JP2**;

4. Illi ir-rikorrenti ma ġiex notifikat formalment b'tali Mandat **hekk kif jista' jiġi evidenzat mill-kopja annessa**, u li tali Mandat ġie a konnoxjenza tar-rikorrenti wara riċerki li saru fir-reġistru tal-Qorti;

5. Illi l-esponenti qiegħed jintavola dan ir-rikors a tenur tas-subartikolu (5) subiċiż (ii) tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 fejn titolu eżekuttiv li jinkiseb taħt id-dispożizzjonijiet tal-istess artiklu għandu jkun rexiss u dikjarat null mill-Qorti jekk wara min jirċievi l-ittra uffiċjali jkun notifikat minn mandat eżekuttiv, jagħmel talba illi l-ittra uffiċjali, ma jkollhiex il-ħtiġijiet kontemplati fis-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-Artikolu 166A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *"L-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarji b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-Decitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar taħt piena ta' nullita, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba";*

7. Illi l-Artikolu 166A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *"l-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv";*

8. Illi l-esponenti qiegħed jintavola dan ir-rikors għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi l-ittra mertu tar-rikors hija priva u nieqsa minn dak li jitlob tassattivament l-Artikolu 166A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li: *"l-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullita` intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil0qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv;"* fil-fatt l-ittra mertu ta' dan ir-rikors fl-avviż tgħid hekk biss:

*"Din l-ittra uffiċjali tinbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u jekk ma tweġibhiex fi żmien tletin (30) jum mindu tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv."*

b. Illi għalhekk:

i. La fiha intimazzjoni li trid issir nota fl-atti

ii. La fiha intimazzjoni li trid tiġi ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali;

U dawn in-nuqqasijiet irenduha mhux skont dak li jippretendi dan l-Artikolu fil-liġi tagħna, liema liġi hija ċara u partikolari tenut kont iċ-ċirkostanzi li ġġib magħha ġialadarba din it-tip ta' ittra jirċieviha d-debitur;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab li:

1. Tappunta dan ir-rikors għas-smiegħa skont il-liġi;

2. Tirrexxindi t-titolu eżekuttiv miksub minn Kearney Attard (K.I. 0299893M) vs Jamie Pace (K.I. 395503L) ai termini tal-Ittra Uffiċjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 116/2019;

3. Tiddikjara l-istess titolu eżekuttiv miksub minn Kearney Attard (K.I. 0299893M) vs Jamie Pace (K.I. 395503L) ai termini tal-Ittra Uffiċjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 116/2019 bħala null u bla effett fil-liġi u dan stante illi l-ittra uffiċjali ma kien fiha l-ħtiġijiet kontemplati fl-Artikolu 166A (1), (2) u (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt dawk id-dispożizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa li tordna;

4. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 744/2021 fl-ismijiet Kearney Attard (K.I. 0299893M) vs Jamie Pace (K.I. 395503L).

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors promotur.

Rat ir-**Risposta tal-intimat Kearney Attard**[3], ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-21 ta' Marzu 2022, li permezz taghha wieġeb;

Illi fl-ewwel lok, jirrileva illi hu ma ġiex notifikat bir-rikors, iżda rċieva biss l-Avviż tas-smigħ li twaħħal fl-indirizz, iżda qed jippreżenta r-risposta biex jiġi evitat dewmien (kopja tar-rikors instabet mill-avukat minn fuq is-sit elettroniku).

---

[2] Doki. JP1 u JP2, fol. 4 sa 6
[3] Fol. 18

Illi huwa minnu li l-esponent kien intavola ittra uffiċjali ai termini tal-artiklu 166A tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra ġiet debitament notifikata wara bosta tentattivi, u nonostante li n-notifika kienet waħda pożittiva, u li fuq l-istess ittra kien hemm miktub ċar u tond li jekk ma kienx ser iwiġibha fi żmien tletin jum l-ittra kienet ser issir titolu eżekuttiv, it-tweġiba ma ġietx preżentata.
Il-kontenut tal-ittra kien wieħed ċar, u ċjoe, l-esponent kien fakkru li hu kellu jħallsu is-somma ta' 15,665 (ħmistax-il elf, sitt mija u ħamsa u sittin) Ewro ta' xogħol li kien għamillu l-esponent f'Beans Caffee ta' Xbiex u Beans Express, il-Gżira. F'din l-ittra huwa fakkru li dan id-dejn kien ġie ammess minnu fl-iskrittura ffirmata minnu wkoll. Fl-ittra qallu li nonostante l-wegħdiet tiegħu li l-ħlas kien ser isir, dan baqa' ma sarx u qallu li jekk ma kienx ser iħallsu fi żmien ġimgħa, ma kienx ser ikollu triq oħra ħlief dik li jieħu passi ulterjuri bil-Qorti in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu.

Illi huwa minnu li l-ittra saret titolu eżekuttiv u li nħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bl-awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti.

Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent qed jagħmel erba' talbiet, illi dwar l-ewwel talba li r-rikors jiġi appuntat għas-smigħ, din ġiet sorvolata bid-Digriet ta' Appuntament tal-Onorabbli Qorti, illi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tiegħu, hu jirrileva illi t-tieni u tlett talbiet huma biss dwar it-titolu eżekuttiv u ċjoe sabiex it-titolu jiġi ddikjarat null u r-raba' talba hija sabiex il-mandat ta' sekwestru akkordat jiġi revokat.

Illi ma saritx talba sabiex l-ittra uffiċjali tiġi ddikjarata nulla iżda biss biex it-titlu eżekuttiv jiġi rexiss u t-titolu ikun null.
Illi dwar l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas fl-ittra uffiċjali, din għandha tiġi respinta u dan peress li kemm il-kontenut, kif ukoll, il-kontenut tat-Twissija ma jħalli l-ebda dubju dwar il-fatt li hu kien ġie avżat li kellu terminu ta' tletin jum sabiex iwieġeb.
Illi t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda għax huma ntiżi biex ikompli jara kif ser jeħles mir-responsabbilita' u obbligi tiegħu u jtawwal il-proċeduri billi jipprova jġiegħel lill-esponent jiftaħ kawża unikament għax hu kien għażel li jinjora l-ittra, meta kellu miktub ċar u tond li kellu terminu biex iwieġeb u anke l-konsegwenza li ġġib miegħu jekk ma jweġibx.
Bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Rat li, b'ordni ta' din il-Qorti diversament presjeduta, din il-kawza kienet kancellata fit-18 ta' Jannar 2022[4], u sussegwentement riappuntata fuq talba tar-rikorrent Jamie Pace b'digriet tal-11 ta' Frar 2022[5].

Rat li hadd mill-partijiet ma ressaq provi ohra.

**Ikkunsidrat li:**

1. Dan huwa procediment fit-termini tal-**art. 166A(5)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrent Jamie Pace ("Rikorrent) qed

[4] Fol. 22
[5] Fol. 23

jipprosegwi kontra l-intimat Kearney Attard ("Intimat") ghar-rexissjoni, u d-dikjarazzjoni ta' nullita', tat-titolu ezekuttiv li l-Intimat ottjena kontra r-Rikorrent permezz tal-Ittra Ufficjali pprezentata fir-Registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru 2019, numru 116/2019, u li kienet reza ezekuttiva f'data mhux indikata. Sfortunatament, mil-atti ma tirrizultax kopja legali ta' dan it-titolu ezekuttiv, u l-kopja fotostatika[6] tal-faccata ta' quddiem ta' dan l-att ma tinkludix il-prova tan-notifika u lanqas indikazzjoni tad-data meta din giet reza ezekuttiva. Pero' l-veracita' tal-istess kopja, u l-kontenut taghha, mhumiex kontestati mill-Intimat.

2. Ir-Rikorrent jikkontendi li t-twissija riportata f'dan l-att, taht l-intestatura tal-Qorti, ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi dwar il-formalita' mehtiega biex ittra ufficjali bhal din tigi konvertita f'titolu ezekuttiv skond l-**art. 166A** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li dan in-nuqqas jirrendi dan it-titolu ezekuttiv null u bla effett.

Min-naha tieghu, l-Intimat jikkontendi li t-twissija li giet inkluza fl-att ma jhallu l-ebda dubju dwar il-fatt li r-Rikorrent kien debitament avzat li kellu tletin jum biex iwiegeb.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

[6] Fol. 4

3. Kif sewwa jinghad fin-nota marginali, l-ittra ufficjali kontemplata fl-**art. 166A** tal-Kap. 12 tikkostitwixxi *'Proceduri specjali'* b'eccezzjoni ghall-procediment litigjuz ordinarju fl-isfera tal-procedura civili. Minflok ma l-konvenut debitur jinghata l-opportunita' li jidher quddiem Qorti, jew tribunal, u jaghti r-ragunijiet u d-difizi tieghu kontra t-talba tal-attur kreditur, f'din il-procedura specjali, id-debitur jircievi att bil-miktub bil-pretensjoni dedotta kontra tieghu, li tigi awtomatikament konvertita f'titolu ezekuttiv jekk huwa jonqos li, fi zmien tletin jum min-notifika, jikkontesta l-pretensjoni permezz ta' nota bil-miktub, li jrid jipprezentaha fir-registru tal-Qorti kompetenti bil-modalita' specjali, u fit-terminu preskritt, bl-istess disposizzjoni.

**L-art. 166A tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:**

> **166A.** (1) **F' azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€ 25,000)**, jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b' Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista ' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin:
> …
> (2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi **għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b' avviż legali** u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b' setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b' mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha

tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa'
, u dikjarazzjoni tal-fatti b' sostenn tat-talba:

Iżda ma jistax isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali.

(3) **L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv**:

…

(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f' parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(*a*).

(5) **Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)[7], skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**

(i) li d-debitur ma kienx jaf b' dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew

(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):

[7] Ghalkemm f'dan is-subinciz m'hemmx riferenza ghal din il-Qorti, bla dubju dan huwa lapsus calami ghaliex il-kompetenza *ratione valoris* tal-qrati inferjuri ma tasalx sal-limitu tal-valur li ghalih hija applikabbli din il-procedura specjali

B' dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.[8]

4. M'hemmx dubju li l-formalitajiet specjali li l-legislatur zied ghal din il-procedura huma intizi ghas-salvagwardja tad-dritt ta' kontestazzjoni, u tal-interessi patrimonjali b'mod aktar wiesa', ta' min ikun intimat b'att bhal dan. Certament li huwa dan l-ghan li l-legislatur ried jilhaq bir-rekwizit li min jipprezenta ittra bhal din irid jiddikjara *'ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa'* *, u dikjarazzjoni tal-fatti b' sostenn tat-talba'*, u jikkonferma dik id-dikjarazzjoni bil-gurament. M'hemmx dubju li huwa ghall-istess ghan li l-legislatur zied zewg rekwiziti ta' formalita' li dan l-att ghandu jissodisfa, u cioe:

(i) skond is-subinciz (2), il-formalita' stipulata fl-Avviz Legali 278/2005 (L.S. 12.22), **Reg. 2**, li f'kull ittra ufficjali bhal din, *'**ghandu** jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti, dan l-avviz li gej:*

> *"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali"*; u

(ii) skond is-subinciz (3), *'**taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi***

[8] Enfasi tal-Qorti

***notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali'.***

5. Ghalkemm iz-zewg twissijiet jirrepetu in parti l-istess aspett tal-htiega ta' twegiba fi zmien tletin jum min-notifika tal-ittra ufficjali ghall-finijiet ta' kontestazzjoni, il-ligi mkien ma tghid li huma rekwiziti alternattivi, anzi tipprezentahom bhala rekwiziti kumulattivi mandatorji.

6. F'dan ir-rigward, u fl-istess vena tal-gurisprudenza aktar antika citata mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tieghu, din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel taghha l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-decizjoni fl-ismijiet **Ruth Scicluna nee Gatt vs Leonard Vella nomine**[9], moghtija fi procediment identiku ghal dan, bazat fuq aggravju simili ghal dak tar-rikorrent odjern:

*'Kif spjegat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Vincent Borg vs Shaun Risiott** nhar it-18 ta' Awwissu 2011 titolu ezekuttiv ghandu jigi rexisss una volta ma jigux rispettati r-rekwiziti ta' l-artikolu 166A(2) u (3) liema rekwiziti huma mandatorji bil-Ligi.*

*Filwaqt li din il-Qorti tirrikonoxxi, illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, min-naha l-ohra lanqas m'ghandu pero` jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta*

[9] Rik. Nru. 91/2017CSH, deciz 21.6.2017

*amministrazzjoni tal-gustizzja. Din il-Qorti trid tassikura li l-procedura li l-legislatur haseb fiha tigi adoperata u segwita fit-totatilita' taghha'.*

7. Din il-Qorti tikkondividi wkoll il-perspettiva tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta), diversament presjeduta, spjegata aktar ricentement, fid-decizjoni fl-ismijiet **Maria Concetta Farrugia vs Patrick Cumbo**[10]:

*'Il-pocedura tal-ittra ufficjali mahruga taht l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirceviha li ma tikkuntestahiex fiz-zmien prefiss. U ghax ghandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u rigidi, jekk mhux ukoll harxa, mahsuba sabiex jaghtu protezzjoni assoluta lil dawk li jircievu ittra ta' dik in-natura. La n-notifika ma saritx strettament kif trid il-ligi, l-intimata ghandha ggorr ir-responsabbilta' t'ghemilha'.* [11]

**Ikkunsidrat ukoll li:**

8. Harsa lejn il-kopja fotostatika tat-titolu ezekuttiv impunjat b'din l-azzjoni, u li r-rikorrent iserrah it-talbiet tieghu fuqha, turi bic-car li l-ebda wiehed mir-rekwiziti ta' formalita' stipulati fis-subincizi (2) u (3) tal-**art. 166A** tal-Kap. 12, u fir-**Reg. 2** tal-Avviz Legali 278/2005[12], ma huma sodisfatti. L-Intimat kreditur, b'mod mill-aktar legger u zbrigattiv, illimita ruhu ghal twissija xotta, u mhux skond id-dicitura imposta fil-ligi, taht l-intestatura tal-Qorti, li tghid *'Din l-ittra ufficjali*

[10] Rik. Nru. 209/2020VGA, deciz 13.3.2023
[11] Ghall-istess perspettiva, ara d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Rik. Nru. 175/2020LC deciz 25.4.2023
[12] L.S. 12.22

*qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jekk ma twegibhiex fi zmien tletin (30) jum mindu tigi notifikat b'din l-ittra ufficjali, din l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv'.*[13] Id-dicitura tonqos li twissi lill-intimat li huwa fl-interess tieghu li jkellem avukat jew prokuratur legali.

9. Aktar minn hekk, hija nieqsa ghal kollox minn din l-ittra ufficjali l-intimazzjoni mehtiega skond is-subinciz (3) tal-**art. 166A** tal-Kap. 12. Kif ga inghad, dan it-tieni rekwizit huwa kumuluttiv ghall-ewwel wiehed, li jirrizulta mis-subinciz ta' qabel, u mhux alternattiv. Aktar minn hekk, l-iskop tieghu mhux identika ghal dak tal-ewwel rekwizit, u l-ghan ahhari huwa li l-debitur jigi mgharraf bil-formalita' li jrid isegwi biex jikkontesta t-talba dedotta bl-ittra ufficjali, u cioe li jipprezenta nota, fi zmien tletin (30) jum min-notifika, huwa stess, minghajr il-htiega ta' assistenza legali.

10. Jinghad fl-ahharnett, u ghall-kompletezza, li din il-Qorti mhix ser tqis l-ilment tar-Rikorrent, introdott fis-sottomissjonijiet finali tieghu, li l-ittra ufficjali in ezami ma taghtix dettall xieraq, u bizzejjed, tan-natura tal-pretensjoni li ddeduca biha l-Intimat. Dana ghaliex din ma kinetx kawzali fl-att promotur, u ghalhekk l-Intimat ma kellux opportunita' iwiegeb ghaliha, u wisq anqas seta' jressaq provi dwarha.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-Rikorrent, qieghda

[13] Fol. 4

tiddisponi mit-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tieghu, u mill-eccezzjonijiet tal-Intimat, billi tichad l-istess eccezzjonijiet fl-intier taghhom, u tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-Rikorrent, u konsegwentement tirrexxindi u tiddikjara null it-titolu ezekuttiv li l-Intimat Kearney Attard ottjena kontra r-Rikorrent Jamie Pace permezz tal-Ittra Ufficjali numru 116/2019, filwaqt li tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet Kearney Attard vs Jamie Pace, numru 744/2021 intavolat b'ezekuzzjoni tat-titolu hekk rexiss u dikjarat null.

L-ispejjez jithallsu mill-Intimat Kearney Attard.

______________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

______________________________

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**